KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 78

**It-Tlieta 22 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dott. Daniel John Attard – Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Antoine Vella ppresjeda l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.

## 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

78.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sindku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

78.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

78.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Fenech issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 78.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

78.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet mis-Sindku minħabba li ma kienx prezenti.

78.3.2 Min-naħa tiegħu, il-Viċi Sindku informa li kellu talba mingħand Transport Malta sabiex iwaħħlu *aerial* zgħir fuq it-torri tal-arloġġ. Il-Kunsilliera prezenti ma sabux oġġezzjoni fuq il-prinċipju imma kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba uffiċjali bil-miktub. Min-naħa l-oħra, il-Kunsillier Mifsud propona li meta jiġi għad-deċizjoni l-Kunsill għandu jitlob kumpens lil TM għat-tpoġġija ta' dan l-*aerial*.

## 78.4 Applikazzjoni tal-ERDF: *Reviving Malta's highest point: The Mtarfa Clock Tower*

78.4.1 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni tal-ERDF tal-Kunsill għar-restawr tat-Torri tal-Arloġġ u l-bini tal-*interpretation centre* kienet ġiet aċċettata għalkemm mhux iffinalizzata. Bħalissa kienet għaddejja b'kommunikazzjonijiet mad-DLG u l-*Managing Authority* fir-rigward ta' din l-applikazzjoni sabiex jiġu evalwati numru ta' *issues* u kundizzjonijiet qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt.

78.4.2 Hija fakkret lill-Kunsill li l-ko-finanzjament min-naħa tal-Kunsill kien dak ta' €125,000. Hija faħħret lill-Kunsill għaliex matul is-snin li għaddew kien irnexxielu jġemma' dan l-ammont u xorta waħda rnexxielu jibqa' għaddej bix-xogħlijiet ta' manutenzjoni u inizjattivi oħra mal-lokalità kollha.

## 78.5 Terminazzjoni tal-kuntratt minn Green MT

78.5.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet tfakkira lid-DLG u dawn kienu talbu xi informazzjoni ulterjuri dwar il-kuntratt.

78.5.2 Min-naħa tad-Direttur dan kien informa lill-Kunsilli sabiex jistenna direzzjoni min-naħa tiegħu.

## 78.6 Il-Bosk tal-Imtarfa

78.6.1 Is-SE infurmat li s'issa ma kienx għad kien hemm risposta min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għat-tiswija tal-belveder.

78.6.2 Hija infurmat ukoll li kienet marret fuq il-post mal-perit tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit fejn jista' jsir l-ilqugħ biex jingħalaq parti mill-bosk. Hija infurmat li għandha terġa' tmur ma' uffiċjal tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà sabiex jikkonferma dan kollu.

## 78.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (Jannar – Marzu 2018)

78.7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart permezz tal-*email*.

78.7.2 Hija ġibdet l-attenzjoni li għalkemm il-Kunsill kien qed jagħmel *commitment* tal-20% ko-finanzjament għall-proġett tal-ERDF, xorta waħda rnexxielu jispiċċa l-ewwel kwart b'indikatur finanzjarju ta' 12%.

78.7.3 Il-Viċi Sindku propona li dan ir-rapport jiġi approvat u ffirmat. Il-Kunsillier Mifsud issekonda.

## 78.8 Skema tal-Awtorità tal-Ippjanar – Sebbaħ il-Lokal

78.8.1 Is-SE infurmat li l-Gvern Ċentrali kien vara skema ġdida għall-Kunsilli zgħar, fosthom l-Imtarfa, u li sal-aħħar ta' Diċembru 2017 kellhom inqas minn €100,000 fid-Development Planning Fund (DPF).

78.8.2 Hija infurmat lill-Kunsill li din hija opportunità fejn il-Kunsill jista' jitlob sa €50,000 f'fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar għal xi proġett ta' tisbiħ. Kien hemm qbil li għandha tinbeda kommunikazzjoni bejn il-Kunsilliera u possibbilment il-periti tal-Kunsill biex kulħadd ikollu d-dritta li jagħti s-suġġerimenti tiegħu u dawn jiġu mitqiesa u evalwati.

## 78.9 Estensjoni tal-kuntratt tal-Accountant (MTFLC/Q/001/2016)

78.9.1 Is-SE talbet l-estensjoni tal-kuntratt tal-*accountant.* Il-Kunsill approva li jiġi estiz għal sena oħra.

## 78.10 Military Mtarfa 2018

78.10.1 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu ltaqgħu maz-zewġ gruppi tar-*re-enactments* li ħadu sehem sentejn ilu u zaru l-lok magħzul mill-Kunsill, jiġifieri bejn il-*barracks*. Kien jidher biċ-ċar li ma setgħux jagħmlu ċertu manuvri u għaldaqstant kienu ssuġġerew li minflok l-attività tinzamm fi Triq is-27 ta' April, fuq in-naħa t'isfel minħabba li hemm is-siġar u l-ħamrija u għaldaqstant iz-zona hija aktar ideali għar-*re-enactments*.

78.10.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-attività tinzamm f'din iz-zona.

## 78.11 Zjara ġewwa Pumpherston

78.11.1 Is-SE infurmat li kienet għaddejja bil-preparamenti għaz-zjara tad-delegazzjoni ġewwa Pumpherston.

78.11.2 Il-Viċi Sindku staqsa lis-SE jekk hux possibbli li jsir xi *polo shirt* għall-grupp kollu. Kien hemm qbil li jekk jinstab *sponsor* u jkun għad fadal zmien dan għandu jiġi ordnat u mqassam lill-parteċipanti. Jekk le għandu jingħata basket riċiklabbli bl-isem tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa lil kull min se jattendi bħala ġest ta' rikonoxximent mill-Kunsill lill-parteċipanti.

## 78.12 Punti oħra

78.12.1 Is-SE talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tagħmel *outsourcing* tal-Kuntratt tal-Knis kif ukoll għall-offerti kollha li jirrigwardjaw il-proġett tat-torri tal-arloġġ u l-*interpretation centre*. Hija infurmat li l-ispiza kienet titla' għal madwar €120 għal kull offerta. Il-Kunsill approva.

78.12.2 Is-SE infurmat li kienet saret applikazzjoni ma' TM biex Triq il-Kavallier Bonello ma jgħaddux aktar *heavy vehicles except to render a service in this street* minnha, hekk kif mitluba mill-Kunsill. TM kienu infurmawha li din it-talba ma ġietx approvata. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jsir appell ma' TM.

78.12.3 Hija infurmat ukoll li kienet saret applikazzjoni oħra lil TM għal *crash barrier* fi Triq l-Imtarfa hekk kif deċiż mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa u ukoll din ma ġietx approvata min-naħa ta' TM.

78.12.4 Is-SE infurmat li resident talab li jitneħħew jew jitnaqqsu l-i*sleeping policemen* taz-zona tal-*housing estate* minħabba li qed ikollu problema bit-trasport tat-tifla tiegħu minħabba li fl-Imtarfa u b'mod partikolari f'dik iz-zona mizgħuda bihom. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitneħħew jew jitnaqqsu. F'dan il-punt, il-Kunsillier Mifsud staqsa lis-SE għaliex kienet tneħħiet *sleeping policeman* li kienet fi Triq Dar il-Kaptan. Is-SE infurmat li jekk tneħħiet dan ma sarx min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Mifsud talab biex din terġa' titpoġġa lura.

## 78.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

78.13.1 IL-President fakkar lill-Kunsill dwar l-attività il-Franċizi fit-Tramuntana li kienet se tinzamm fl-Imtarfa.

78.13.2 Il-President staqsa lis-SE jekk kinitx għaddiet l-informazzjoni storika lir-Reġjun u hija kkonfermat.

## 78.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

78.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata miLL-Vici Sindku u mis-SE.

78.14.2 Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel tajjeb għal ħlas ta' €175 għal kors tas-SAGE għaliha. Hija fakkret lill-Kunsill li huma jistgħu jattendu wkoll kemm-il darba huma interessati. Hawnhekk wera l-interess tiegħu wkoll il-Viċi Sindku u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għall-attendenza tagħhom it-tnejn.

78.14.3 Is-SE talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tinkera *heavy duty garden shredder* bl-operat b'kollox għal massimu ta' 4 sigħat għal €400 sabiex ikun jistgħu jitqattgħu z-zkuk tal-ewkaliptus li kienu twaqqgħu mill-bosk u li mbagħad ikun jista' jiġi uzat lura madwar il-bosk kollu. Għalkemm il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju, kien hemm qbil li għandha ġġib kwotazzjonijiet għal *shredder* ġdida biex tinxtara mill-Kunsill. Hija infurmat li se tagħmel dan però ġibdet l-attenzjoni li biex jinqeda l-iskop tal-Kunsill, jiġifieri biex jiġu proċessati anke z-zkuk, l-is*hredder* kienet se tiswa 'l fuq minn €5,000 mizerjament.

## 78.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

78.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Ġunju fis-7:15pm.

Konfermati, illum 20 ta' Ġunju 2018.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv